**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 70/2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Cassar)**

**vs**

**Nucman Omar Hamida**
**(ID 70548(A))**

**Illum, 27 ta' Gunju, 2016**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Nucman Omar Hamida ta' 36 sena, iben Omar u Hadiga nee` Hamida, imwieled il-Palestina fis-6 ta' Ottubru 1979, u residenti gewwa 15, Gesu` Redentur, Triq il-Keffa, Swieqi, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 70548(A):

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fis-6 ta' Marzu 2016 u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data:

1) Ittraffika, biegh, qassam jew offra li jittraffika, ibiegh jew iqassam medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta'

Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati;

2) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-Kontroll tal-Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985, kif emendati;

3) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

5) Ipproduca, biegh jew xort'ohra traffika r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(b) tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta *cannabis* jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

7) Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

8) Ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, *club* jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U permezz ta' digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Marzu 2016, li permezz taghha awtorizzat s-segwenti zieda fl-imputazzjonijiet odjerni:

9) Talli fit-8 ta' Marzu 2016 u fit-tnax-il xahar ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament dwar il-Kontroll tal-Medicini, AL 22/1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

10) Akkuzat talli kkommetta dan ir-reat fi jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, klabb jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

11) F'dawn il-Gzejjer fit-8 ta' Marzu 2016, bhala persuna li mhux impjegata fil-habs, il-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, minghajr l-awtorita` legittima, dahhal jew pprova jdahhal f'xi parti tal-konfini tal-habs xi oggett, ikun li jkun, li huma pprojbiti skond xi regolamenti maghmula skond dan l-att jew garr jew ipprova jgorr xi oggett bhal dawk barra minn xi habs u dan bi ksur tal-Artikoli 7(1),(2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha (Kap. 31), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni huwa rega' kkonfermaha wara li l-Qorti, ai termini tal-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkunsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Fid-dawl tal-ammissjoni tal-imputat ghat-tieni, it-tielet, ir-raba', il-hames, is-sitt, is-seba', it-tmien, id-disa' u l-ghaxar imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' dawn l-imputazzjonijiet.

Qabel tiddeciedi dwar l-ewwel u l-hdax l-imputazzjoni, il-Qorti tirrileva illi fil-verbal tas-seduta tat-18 ta' Marzu 2016, il-Qorti giet infurmata illi ghalkemm fil-prezentata, l-imputat iddikjara li huwa jifhem bil-lingwa Maltija u li ma kellux bzonn interpretu, f'dik l-istess seduta, huwa xtaq li jigi assistit minn interpretu fl-eventwalita` li jkun hemm xi kliem li ma jifhmux. F'dan ir-rigward gie vverbalizzat ukoll illi Dr. Noel Bianco ghall-imputat iddikjara illi bl-ebda mod ma kien qed jikkontesta dak li sar fil-proceduri odjerni sa dakinhar, bir-rizerva ghal dak li gie mnizzel fl-istqarrija (fil-fatt ittiehdu tliet stqarrijiet lill-imputat u mhux wahda) "*stante li l-istess imputat qed jallega li kellu problema ta' komunikazzjoni*".[1]

F'dan ir-rigward il-Qorti tinnota fl-ewwel lok illi fix-xhieda tieghu, l-Ispettur Jonathan Cassar jghid illi fl-istadju tal-investigazzjoni, huwa staqsa lill-imputat jekk jifhimx bil-lingwa Maltija u l-imputat wiegbu fl-affermattiv. Jghid ukoll illi

[1] Ara l-verbal a fol. 16 tal-process.

huwa hadlu tliet stqarrijiet u li ma kienx hemm problemi ta' komunikazzjoni.[2] Dan jirrizulta car ukoll mill-istess stqarrijiet, mil-liema fil-fehma tal-Qorti huwa ferm evidenti li l-imputat fehem sew dak li kien qed jigi mistoqsi lilu u rrisponda wkoll b'mod car u b'Malti tajjeb. Ghalhekk m'hemm xejn x'jindika li effettivament kien hemm xi problema ta' komunikazzjoni waqt li l-imputat kien qed jirrilaxxja l-istqarrijiet tieghu.

Permezz tal-<u>ewwel imputazzjoni</u>, l-imputat gie akkuzat bit-traffikar tal-medicina psikotropika u ristretta (*ecstasy*). Dwar dan jirrizulta mill-atti illi originarjament, l-imputat gie arrestat nhar is-6 ta' Marzu 2016 stante li certu Mohammed Ibrahim Abdalla, li kien instab fil-pussess ta' pillola *ecstasy*, indika lill-imputat odjern bhala l-persuna li minghandu kien xtara l-pillola in kwistjoni. Biss l-istess Mohammed Ibrahim Abdalla baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri u ghalhekk dak li seta' qal Abdalla lill-ufficjali tal-pulizija jikkostitwixxi biss *hearsay evidence* u m'huwiex ammissibbli bhala prova. Fl-istqarrijiet rilaxxjati minnu fis-6 ta' Marzu 2016[3] u fit-8 ta' Marzu 2016[4] rispettivament, wara li huwa nghata s-solita twissija li m'huwiex obbligat li jitkellem sakemm ma jkunx jixtieq li jaghmel dan, imma dak li jghid jista' jingieb bhala prova u wkoll wara li ghazel li ma jottjenix parir legali qabel l-interrogatorju tieghu, l-imputat jichad li huwa biegh l-*ecstasy* lil din il-persuna u mistoqsi jekk gieli bieghx droga, jwiegeb fin-negattiv u jghid li qatt ma biegh *ecstasy*. Madankollu, fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-8 ta' Marzu 2016, meta l-istess imputat gie mistoqsi jekk qatt ta *ecstasy* lil xi hadd, huwa wiegeb illi "*bhala hbieb gieli tajt b'xejn*"[5] u li kien ilu jixtri *ecstasy* xi sena.

Skond l-Artikolu 120A(1B) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta l-kelma 'traffikar' tinkludi "*l-koltivazzjoni, l-importazzjoni f'dawk ic-cirkostanzi li l-Qorti tkun sodisfatta li dik l-importazzjoni ma kinietx ghall-uzu esklussiv tal-hati, il-manifattura, l-esportazzjoni, id-distribuzzjoni, il-produzzjoni, l-amministrazzjoni, <u>il-provvista</u>, li wiehed joffri li jaghmel xi wiehed minn dawn l-atti, u l-ghoti ta' informazzjoni intiza biex twassal ghax-xiri ta' tali medicina bi ksur ta' din l-Ordinanza*" (sottolinear tal-Qorti). Il-kelma 'provvista' fit-test Ingliz hija indikata bhala '*supply'*. Huwa car illi la darba l-imputat, kif jghid fl-istqarrija tieghu, gieli ta l-*ecstasy* lill-hbieb tieghu, anke jekk mhux ghall-flus jew xi korrispettiv iehor, huwa kien kien qieghed jipprovdi l-istess *ecstasy* lil shabu. Jirrizulta wkoll mill-istess stqarrija, kif inghad, illi huwa kien ilu jixtri l-*ecstasy* xi sena u ghalhekk

[2] Ara a fol. 23 tal-process.
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 11 *et seq* tal-process.
[4] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 21 u 21A tal-process.
[5] A fol. 21A.

isegwi li din il-provvista sehhet fil-perjodu tal-ewwel imputazzjoni ossia fis-6 ta' Marzu 2016 u fit-tnax-il xahar ta' qabel.

Ghaldaqstant, l-ewwel imputazzjoni tirrizulta ppruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tal-imputazzjoni numru hdax, imbaghad, l-imputat gie akkuzat talli dahhal jew ipprova jdahhal il-habs, minghajr awtorita` legittima, xi oggetti li huma pprojbiti bi ksur tal-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260. F'dan ir-rigward, mill-provi mressqa jirrizulta illi fit-8 ta' Marzu 2016, hekk kif l-imputat kien diehel il-habs, saret tfittxija mill-ufficjali tal-habs kemm fuq il-persuna tal-istess imputat, kif ukoll fil-basktijiet tieghu, fejn kellu l-hwejjeg. F'dawn il-hwejjeg, ossia fil-but ta' barra ta' gakketta li kienet f'basket, instabu hamsa u ghoxrin pillola.[6] Kemm CO 28 Donald Mallia, kif ukoll CO 191 Domnic Brignano jghidu li din il-gakketta kienet blu u li l-pilloli misjuba fiha kienu blu. Biss fl-istqarrija rilaxxjata minnu fit-8 ta' Marzu 2016, l-imputat jghid illi meta gie arrestat il-Hadd fil-ghodu kmieni, huwa kien liebes glekk iswed u jikkonferma li dakinhar stess meta mar id-dar, huwa biddel il-glekk. L-imputat jikkonferma wkoll f'din l-istqarrija illi dan il-glekk ossia l-glekk li kien liebes dakinhar tal-arrest tieghu kien l-istess glekk li dahhal mieghu l-habs fit-8 ta' Marzu 2016 u li fih instabu hamsa u ghoxrin pillola hodor suspettati *ecstasy*. Dwar dan, l-Ispettur Jonathan Cassar jixhed illi nhar is-7 ta' Marzu 2016, wara li l-imputat gie mressaq il-Qorti taht arrest, huwa ttiehed gewwa l-*lock up* tal-Kwartieri Generali tal-Pulizija, stante li dak il-hin, il-habs kien maghluq. L-istess Spettur kien ta struzzjonijiet lill-pulizija tieghu sabiex l-ghada fil-ghodu – fit-8 ta' Marzu 2016 – jiehdu lill-imputat gewwa r-residenza tieghu sabiex jigbor xi hwejjeg qabel jittiehed il-habs u dan stante li l-istess imputat talab li jigbor il-hwejjeg. U fil-fatt hekk sar.[7]

Dwar dawn il-pilloli, fl-istess stqarrija, l-imputat jghid illi dawn "*forsi tfajthom* [fil-glekk] *xi erba' t'ijiem qabel*"[8] u li meta johrog, jiehu wahda jew tnejn. Jghid ukoll illi huwa minghalih li l-pilloli kienu qeghdin id-dar u li ma kienx jaf li dakinhar gewwa Paceville, kienu qeghdin fil-but, ghalkemm kien jaf li l-pulizija ma sabuhomx meta ghamlulu tfittxija gewwa r-residenza tieghu. F'dan ir-rigward, il-Qorti tinnota wkoll illi fl-istess stqarrija, l-imputat ikkonferma illi huwa kien insista mal-Ufficjal Investigatur precedentement matul l-investigazzjoni illi ma kinitx instabet *ecstasy* fuqu meta huwa gie konfrontat bil-fatt li terza persuna kienet indikatu bhala fornitur tal-*ecstasy*, apparti li fl-ewwel stqarrija li ttehditlu,

[6] Ara x-xhieda ta' PC 560 Aaron Grech (a fol. 47 *et seq* tal-process), ix-xhieda ta' CO 191 Domnic Brignano (a fol. 49 *et seq* tal-process) u x-xhieda ta' CO 28 Donald Mallia (a fol. 53 *et seq* tal-process).
[7] A fol. 25 tal-process.
[8] A fol. 21A.

huwa nnega li gieli kellu *ecstasy* fuqu, ghalkemm fl-istess waqt qal ukoll illi kien ha l-*ecstasy* xi tliet xhur qabel. Jghid ukoll fl-ahhar stqarrija tieghu tat-8 ta’ Marzu 2016 illi huwa ma kienx jaf li kellu l-*ecstasy* fil-pussess tieghu meta dahal il-habs.

M’hemmx dubju illi l-pilloli misjuba fil-pussess tal-imputat kienu pilloli *ecstasy* u f’dan ir-rigward apparti illi l-istess imputat jammetti dan fl-istqarrija tieghu, mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[9], jirrizulta illi fuq estratt mehuda minn pillola ta’ lewn ahdar instabet is-sustanza *3,4-methylenedioxymethamphetamine (MDMA*) u li n-numru total ta’ pilloli kien ta’ 25. Dak li trid tikkunsidra l-Qorti ghalhekk huwa jekk l-imputat kellux dik ix-xjenza, li trid il-ligi, li fil-pussess tieghu huwa kellu l-pilloli *ecstasy* u ghalhekk jekk l-eghmil tieghu kienx wiehed volut. Dwar dan, apparti li parti mill-istqarrija tieghu tas-6 ta’ Marzu 2016 m’ghandhiex mis-sewwa, kif indikat izjed ‘il fuq u dan fir-rigward tat-twegibiet tieghu rigward il-pussess u l-uzu tieghu mill-*ecstasy*, il-Qorti tqis ukoll illi m’huwiex verosimili dak li jghid l-imputat fis-sens illi huwa ma kienx konxju mill-fatt illi gewwa l-but tal-glekk tieghu dakinhar li gie arrestat, gewwa Paceville, huwa kellu l-pilloli *ecstasy*. Wiehed irid iqis illi ma nstabux pillola jew tnejn, fejn allura l-Qorti kienet tkun izjed propensa li temmen, almenu sal-grad tal-probabbli, li l-imputat nesa li dawn kienu fil-glekk tieghu jew li ma ndunax li dakinhar kienu fl-istess glekk, izda nstabet borza ta’ ben hamsa u ghoxrin pillola – ammont pjuttost sostanzjali – u ghalhekk la huwa kredibbli u lanqas verosimili li l-imputat ma kienx jaf li fil-but tal-glekk tieghu kellu dan l-ammont ta’ pilloli. Terga’ u tghid fl-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li huwa kien hareg mid-dar xi l-4.00 p.m., li minn dak il-hin ma kienx dahal id-dar u mix-xhieda ta’ PS 1163 Frans Schembri[10] jirrizulta li l-imputat gie arrestat ghall-habta tat-2.45 a.m., li izjed ikompli jirrendi inverosimili l-verzjoni tal-imputat li huwa ma kienx jaf li l-25 pillola kienu qeghdin fil-but tal-glekk. Mhux biss, izda apparti dawn il-pilloli, fuq il-persuna tieghu, l-imputat kellu wkoll sitt pakketti bil-kokaina (li minnhom il-pulizija sabu erbgha ghaliex fil-frattemp gew ikkunsmati zewg pakketti mill-imputat u shabu), kif ukoll bicciet tar-raza tal-*cannabis*, li kellhom piz totali ta’ 16.64 grammi. F’dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi la darba l-imputat fl-istqarrija tieghu jghid illi meta johrog, huwa kien jiehu pillola jew tnejn, izjed u izjed ma kellux ghalfejn iqieghed fil-but tal-glekk – skond hu erbat ijiem qabel – borza b’hamsa u ghoxrin pillola, meta wara kollox, ukoll skond l-istqarrija tieghu, dawn kienu ilhom fid-dar tieghu xi ghaxart ijiem. Irid jinghad in oltre illi f’dawn il-proceduri, l-imputat irregistra ammissjoni ghad-disa’ u l-ghaxar imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu. Fil-waqt illi d-disa’ imputazzjoni tirreferi

[9] Esebita a fol. 99 *et seq* tal-process.
[10] Ara x-xhieda a fol. 44 *et seq* tal-process.

ghall-pussess aggravat tal-*ecstasy* – u dan kjarament b'referenza ghall-hamsa u ghoxrin pillola li nstabu fuqu – l-ghaxar imputazzjoni tikkontempla l-aggravju tad-distanza li gie addebitat lill-imputat proprju ghaliex mill-provi rrizulta li kien fil-pussess ta' dawn il-pilloli gewwa Paceville. Kif inghad, l-imputat irregistra ammissjoni anke ghal dan l-aggravju. Ghalhekk fid-dawl ta' dawn ic-cirkostanzi kollha u tenut kont tal-fatt li l-imputat gie arrestat gewwa Paceville, il-Qorti tqis illi jirrizulta sodisfacentment ippruvat illi l-imputat kien ben konxju tal-fatt illi fil-pussess tieghu, fil-lejl in kwistjoni, kellu l-pilloli *ecstasy*. Jirrizulta wkoll, kif inghad, izjed 'il fuq, li l-imputat sussegwentement, dakinhar tal-arrest tieghu, biddel dan il-glekk, izda wara rega' gabru mir-residenza tieghu biex idahhlu mieghu gewwa l-habs, meta l-ghada tal-prezentata ossia fit-8 ta' Marzu 2016, filghodu, huwa gie akkumpanjat id-dar sabiex jigbor hwejjgu. Meta wiehed iqis li lanqas kienu ghaddew tmienja u erbghin siegha minn meta l-imputat halla dan il-glekk id-dar sakemm rega' gabru biex jiehdu mieghu gewwa l-habs u in oltre illi l-imputat kien jaf illi l-pilloli *ecstasy* sa dak il-punt kienu ghadhom ma nstabux mill-pulizija u li originarjament, il-pulizija kienu waqqfuh proprju ghaliex terza persuna kienet indikatu bhala fornitur tal-*ecstasy*, il-Qorti ma tarax kif jista' jinghad illi l-imputat ma kienx konxju mill-fatt illi fl-istess glekk, huwa kellu dawn il-pilloli meta gie biex jidhol fil-habs. Ghaldaqstant, la darba r-reat ikkontemplat fl-imputazzjoni numru 11 jinkludi wkoll li wiehed jipprova jdahhal id-droga l-habs, din l-imputazzjoni wkoll tirrizulta sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mill-ligi.

## <u>Kunsiderazzjonijiet dwar Piena</u>

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat fl-ewwel lok in-natura u s-serjeta` tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat, kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz. Qieset ukoll illi minkejja li l-imputat ma rregistrax ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri u lanqas del resto ma rregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha, biss jibqa' l-fatt illi kien hemm grad ta' kooperazzjoni tali da parti tal-imputat, matul l-investigazzjoni, illi numru ta' imputazzjonijiet gew addebitati lilu a bazi tal-istqarrijiet rilaxxjati minnu.

Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat li m'hijiex wahda allarmanti u tikkonsisti f'kundanna dwar reat kontravvenzjonali, kif ukoll illi ghalkemm gie allegat illi l-imputat, b'isem differenti, instab hati ta' reat iehor jew reati ohrajn[11], baqghet ma ngabet l-ebda prova dwar dan.

---

[11] Ara r-risposti tal-Avukat Generali ghar-rikorsi tal-imputat a fol. 32, 41, 55B u 70.

Ghal fini ta' piena, qieset ukoll l-ammont ta' droga misjuba fil-pussess tal-imputat ossia, kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, illi t-trab ta' lewn abjad (f'erba' boroz) li fih instabet is-sustanza kokaina kellu piz ta' 1.22 grammi, b'purita` ta' cirka 28%, li l-piz totali tas-sustanzi ta' lewn kannella li fih instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kien ta' 16.64 grammi, b'purita` ta' cirka 6%, u li l-haxix ta' lewn ahdar li fih instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* kellu piz ta' 0.48 grammi. Dan apparti li nstabu wkoll 25 pillola *ecstasy* fil-pussess tal-imputat. Qieset ukoll dak li jghid l-imputat fl-istqarrijiet tieghu, fosthom illi huwa kien jixtri blokka tar-raza tal-*cannabis* ta' 100 gramma u jaqsamha f'erbgha ma' shabu, li da parti taghhom jhallsuh ta' sehemhom, minghajr ma jaghmel qliegh u li kien ilu jaghmel dan ghal madwar sena. Jghid ukoll illi gieli xtara bicca ta' €20 u ta nofsha lil xi habib tieghu, li mbaghad ihallsuh €10. Dwar il-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu, l-imputat jghid illi shabu hallsuh tal-kokaina li kien gabilhom bl-istess prezz li kien xtraha hu. Originarjament, b'kollox kellu sitt pakketti bil-kokaina. Tqis ukoll illi apparti l-imputazzjoni ta' pussess aggravat tal-pilloli *ecstasy*, ir-reat ta' traffikar tal-*ecstasy* jikkonsisti f'dak ammess mill-istess imputat fl-istqarrija tieghu u dan fis-sens illi huwa gieli kien jaghti minn dawn il-pilloli lil shabu b'xejn.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 u dan fir-rigward tal-ewwel, it-tieni imputazzjoni u d-disa' imputazzjoni, b'dan illi dwar id-disa' imputazzjoni biss in kwantu din tirreferi ghall-istess perjodu ta' zmien tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, u qed tapplika l-istess Artikolu 17(h) fir-rigward ukoll tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni, fir-rigward tal-hames u s-sitt imputazzjoni u finalment fir-rigward tad-disa' u l-hdax l-imputazzjoni. Fir-rigward tal-ewwel, it-tielet, il-hames u d-disa' imputazzjonijiet (in kwantu din tal-ahhar tirreferi ghall-pussess aggravat ta' 25 pillola *ecstasy* fit-8 ta' Marzu 2016) qed tapplika d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 17(b) u (f) tal-Kap. 9 u qed tapplika wkoll id-disposizzjonijiet tal-istess Artikolu 17(f) fir-rigward tal-piena pekunjarja li qed timponi dwar is-seba' imputazzjoni. Qieset ukoll is-suggeriment maghmul lilha mill-partijiet dwar il-piena.

Fir-rigward tas-somma ta' tmien mija u erbghin Euro (€840) li giet elevata minn fuq il-persuna tal-imputat fis-6 ta' Marzu 2016, il-Qorti tinnota illi fl-ewwel stqarrija tieghu, l-imputat jghid illi bhala introjtu mix-xoghol, bhala massimu kien jaqla' bejn €900 u €1,000, izda normalment lanqas ma kien jaqla' €500. Fir-rigward tas-somma misjuba fil-pussess tieghu, huwa jghid illi peress illi joqghod wahdu, huwa jgorr il-flus kollha li jkollu fil-but, li s-sitt pakketti kokaina kien xtrahom bil-prezz ta' €40 il-wiehed ossia €240 b'kollox u li shabu kienu hallsuh lura ta' hamsa minnhom u ghalhekk hallsuh €200. Jghid ukoll fl-ewwel stqarrija

illi €530 kienu l-paga tieghu u l-bqija kienu dawn il-flus li thallas lura mit-Taljani. Fit-tieni stqarrija, madankollu, l-imputat jghid ukoll illi €530 kienu flus tal-paga, fil-waqt li xi €300 kienu flus li kellu d-dar qabel, ghalkemm jerga' jghid illi huwa thallas €200 ghall-hames pakketti kokaina minghand shabu. Tenut kont tal-introjtu li l-imputat jghid illi kien normalment idahhal fix-xahar, tenut kont ukoll illi fl-ewwel stqarrija tieghu jghid illi kien ghadu kif xtara b'€96 raza tal-*cannabis*, apparti b'€240 kokaina u tenut kont ukoll illi xi ghaxart ijiem qabel kien xtara b'€100 pilloli *ecstasy*, il-Qorti temmen il-verzjoni tal-imputat fl-ewwel stqarrija u dan fis-sens illi parti mill-flus li nstabu fuqu kienu proprju dak li hallsuh lura shabu t-Taljani ghall-kokaina u mhux sempliciment flus li kellu d-dar. Ghaldaqstant, il-Qorti ser tordna l-konfiska tas-somma ta' €200 mis-somma li nstabet fil-pussess tal-imputat. Fir-rigward tal-bqija, il-Qorti ma tistax tasal sal-grad rikjest mil-ligi illi effettivament dawn kienu provenjenti mill-bejgh tad-droga.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 40A, 120A(1)(a), 120A(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 120A(2) tal-Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolament 3(1) tal-Avviz Legali 22/1985, it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 8(a), 8(b), 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u (ii) u t-tieni proviso ghall-Artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, l-Artikoli 7(1) u (2) tal-Kap. 260 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 17(b), (f) u (h), 31 u 33A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu, u qed tikkundannah ghall-piena ta' wiehed u ghoxrin (21) xahar prigunerija effettiva – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati nzamm taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reati li taghhom qed jinstab hati permezz ta' din is-sentenza - u piena ta' multa ta' elfejn u tlett mitt Euro (€2,300).

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez tal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri ossia l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut esebita bhala Dok. GS ammontanti ghas-somma ta' mitejn, erbgha u ghoxrin Euro u ghoxrin centezmu (€224.20)[12] u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada, ammontanti ghas-somma ta' erba' mija u tletin Euro u sebghin centezmu (€430.70), b'kollox ammontanti tali spejjez ghas-somma ta' sitt mija, erbgha u hamsin Euro u disghin centezmu (€654.90).

[12] Il-hati m'huwiex qed jigi ordnat sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-istess espert Godwin Sammut esebita bhala Dok. GS 1 in kwantu din tirrigwarda analizi ta' droga misjuba fuq terza persuna li baqghet ma xehditx f'dawn il-proceduri.

Ai termini tal-Artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 22(2)(b) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-konfiska tas-somma ta' mitejn Euro (€200) formanti parti minn Dokument JC13 u s-somma ta' ghaxar Euro (€10) formanti parti minn Dokument JC 12 favur il-Gvern ta' Malta, fil-waqt li tordna r-rilaxx tas-somma ta' sitt mija u erbghin Euro (€640), formanti parti minn Dokument JC13, tal-*blazer* iswed esebit bhala Dokument JC 17 u tal-*mobiles* tal-marka Samsung esebiti bhala Dokument JC 18 favur il-hati.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u/jew l-affarijiet relatati mal-uzu tad-droga esebiti bhala parti minn Dokumenti JC12, JC14, JC 15 u JC 16, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat